# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 18 ta' Jannar, 2024.**

**Numru 8**

**Rikors numru 1039/2017/1 LM**

**Atlas Insurance PCC Limited (C 5601) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Julian Galea sija bil-polza u sija bil-liġi**

**v.**

**Joseph Galea; u**
**Gasan Mamo Insurance Limited (C3143)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenuti minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-12 ta' Lulju, 2019, li permezz tagħha l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet attriċi u sabet lill-konvenut Joseph Galea responsabbli għall-inċident stradali mertu tal-kawża u għalhekk ikkundannat lill-konvenuti *in solidum* sabiex iħallsu l-ammont

ta' tnejn u għoxrin elf ewro (€22,000) lill-kumpanija attriċi bħala danni billi l-karozza tal-assikurat tagħha, b'riżultat tal-inċident, ġiet *beyond economical repair.* Il-konvenuti ġew ikkundannati wkoll iħallsu l-ispejjeż u l-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fl-14 ta' Novembru, 2017, il-kumpanija attriċi fissret li fis-16 ta' Ġunju, 2017 seħħ inċident tat-traffiku ġewwa l-Belt, Valletta bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni numru DAF 954 misjuqa mill-konvenut Joseph Galea (liema vettura kienet assikurata mal-kumpanija konvenuta) u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni numru KBV 551 misjuqa minn u proprjetà ta' Julian Galea (liema vettura kienet assikurata mal-kumpanija attriċi).

3. Il-kumpanija attriċi ssostni li dan l-inċident seħħ tort tal-konvenut Joseph Galea minħabba negliġenza, traskuraġni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku min-naħa tiegħu. Tirreferi għall-verżjoni mogħtija mill-konvenut lill-pulizija *a tempo vergine* fejn stqarr li ħaseb li marrulu l-brejkijiet tat-trakk.

4. Tkompli li b'konsegwenza tal-inċident, il-vettura bin-numru KBV 551, proprjetà tal-assikurat tagħha Julian Galea, ġarrbet ħsarat kbar

tant illi ġiet iddikjarata bħala *beyond economical repair.* Tgħid li hija għamlet tajjeb għad-danni abbażi ta' polza tat-tip *comprehensive* u skont il-liġi dawn jitilgħu għas-somma ta' €22,000. Issostni li l-konvenuti huma responsabbli fil-liġi għall-ħlas tad-danni mġarrba minnha u għalkemm sejħitilhom sabiex jersqu għall-ħlas tad-danni li ġarrbet, huma baqgħu inadempjenti.

5. Il-kumpanija attriċi għalhekk fetħet din il-kawża u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

*«i. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat Joseph Galea huwa responsabbli għall-inċident fuq imsemmi tas-16 ta' Ġunju, 2017 ġewwa l-Belt Valletta, liema inċident seħħ tort tal-istess Joseph Galea u konsegwenza ta' liema inċident il-vettura bin-numru KBV 551 ġiet dikjarata bħala beyond economical repair.*

*ii. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati Joseph Galea u GasanMamo Insurance Limited (din tal-aħħar bħala l-assikuratriċi tal-vettura bin-numru DAF 954 meta seħħ l-inċident de quo jew ai termini tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta), jew min minnhom, huma responsabbli għall-ħlas tad-danni kollha sofferti mis-soċjetà rikorrenti naxxenti mill-istess inċident awtomobilistiku;*

*iii. Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjetà rikorrenti konsegwenza tal-istess inċident fl-ammont ta' tnejn u għoxrin elf Euro (€22,000), jew somma oħra verjuri, jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti nominandi;*

*iv. Tikkundanna u tordna lill-intimati, jew min minnhom, iħallsu lis-soċjetà rikorrenti dawn id-danni hekk kif likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti.*
*Bl-ispejjeż kollha kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-10 ta' Ottubru, 2017 u ta' dik ippreżentata kontestwalment ma' din il-kawża kontra s-soċjetà intimata, u bl-imgħax legali mill-10 ta' Ottubru 2017 sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-intimati li huma jew ir-rappreżentanti ġuridiċi tagħhom huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.»*

6. Il-konvenuti ppreżentaw risposta maħlufa fis-7 ta' Diċembru, 2017 li permezz tagħha wieġbu hekk:

*«1. Illi l-kawża fl-ismijiet fuq premessi tirrigwarda inċident awtomobilistiku illi seħħ nhar is-16 ta' Ġunju, 2017, fi Triq San Mark, kantuniera ma' Triq Żekka,*

*Valletta, u illi kien jinvolvi l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DAF 954 misjuqa mill-esponenti Joseph Galea, u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KBV 551, proprjetà ta' Julian Galea u assigurata mis-soċjetà attriċi Atlas Insurance PCC Limited;*

*2. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi assolutament mhux minnu illi l-esponenti Joseph Galea kien b'xi mod jaħti għall-inċident de quo, u dan kif jista' jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

*3. Illi inoltre, mingħajr preġudizzju għall-kwistjoni ta' responsabbiltà tal-akkadut, il-konvenuti mhumiex qegħdin jikkontestaw il-quantum tad-danni għal dak illi jikkonċerna l-ammont pretiż ta' €22,000, b'dana illi l-istess ammont ta' danni għandu jiġi debitament ippruvat skont il-liġi.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi.»*

7. Permezz tas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Lulju, 2019, l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet attriċi u sabet lill-konvenut Joseph Galea responsabbli għall-inċident awtomobilistiku mertu tal-kawża u għalhekk ikkundannat lill-konvenuti *in solidum* sabiex iħallsu l-ammont ta' tnejn u għoxrin elf ewro (€22,000) lill-kumpanija attriċi bħala danni, billi l-karozza tal-assikurat tagħha, b'riżultat tal-inċident, instabet li hija *beyond economical repair.* Il-konvenuti ġew ikkundannati wkoll iħallsu l-ispejjeż tal-proċeduri u l-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv.

8. Ir-raġunijiet tal-Ewwel Qorti li wassluha biex iddeċidiet hekk kienu dawn:

*«**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>***

*Il-partijiet konvenuti f'din il-kawża jsostnu li huma m'għandhomx jinżammu responsabbli għall-inċident inkwistjoni, għalkemm da parti tagħhom m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-quantum tad-danni f'każ li l-Qorti ssib li huma*

*għandhom jinżammu responsabbli għall-ħlas tad-danni konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża. Għaldaqstant l-evalwazzjoni tal-provi li trid issir mill-Qorti hija sabiex jiġi determinat il-konvenut għandux jinżamm responsabbli għall-inċident de quo.*

*Il-Qorti semgħet kif l-inċident inkwistjoni seħħ fi Triq Żekka, il-Belt Valletta, fil-kantuniera bejn Triq San Mark u Triq Żekka, triq b'niżla wieqfa ħafna, bil-wiċċ tas-siment u mhux bit-tarmac, fejn trid tintuża aktar kawtela milli tintuża normalment f'toroq oħra, u dan minħabba kif qal wieħed mill-uffiċjali tal-Pulizija li xehdu f'din il-kawża, kull veloċità li teċċedi l-għaxar kilometri fis-siegħa hija perikoluża fi triq bħal din. Jirriżulta li Julian Galea kien qiegħed isuq vettura tal-għamla Seat Ateca, li meta seħħ l-inċident kienet għadha prattikament ġdida, tant hu hekk li kienet ilha fit-triq madwar sitt xhur biss. Il-konvenut kien qiegħed isuq trakk li kien mgħobbi b'materjal li tgħabba minn Ġnien Hastings. Dan it-trakk kien ilu jinstaq għal aktar minn erbgħin sena. Jirriżulta mill-provi li fl-ewwel stqarrija li l-konvenut kien ta lill-Pulizija ftit wara li seħħ l-inċident, dan qal li huwa kien ipprova jagħfas il-brejkijiet tat-trakk, iżda dawn ma ħadmux, bir-riżultat li baqa' dieħel fil-vettura ta' Julian Galea, din daret disgħin grad, u sussegwentement huwa baqa' dieħel fil-faċċata ta' bini li hemm fl-istess triq u kkaġuna dannu fl-istess faċċata, għalkemm dan id-dannu kien wieħed minimu. Imma l-konvenut meta xehed quddiem il-Qorti fis-16 ta' Jannar, 2019, bidel il-verżjoni tiegħu dwar il-mod kif seħħ l-inċident u qal li meta hu kien ta l-stqarrija lill-Pulizija wara l-inċident, hu ma kienx jaf x'inhu jgħid, u l-inċident seħħ minħabba li kien Julian Galea li ħareġ minn Triq San Mark b'veloċità eċċessiva, bir-riżultat li l-konvenut, li kien qiegħed isuq vettura ferm akbar minn dik ta' Julian Galea, ma setax jieqaf fil-ħin biex jevita li jibqa' dieħel fil-vettura misjuqa minn Julian Galea. Dwar iż-żewġ verżjonijiet mogħtija mill-konvenut, il-Qorti tqis illi l-verżjoni li ngħatat a tempo vergine ġeneralment hija l-aktar waħda kredibbli għaliex ingħatat spontanjament f'mument fejn is-sewwieq ma kellu ebda ċans joqgħod iqis x'jaqbillu jgħid[1].*

*It-tieni verżjoni tal-konvenut hija kontradetta minn dak li qal ix-xhud Julian Galea, li spjega li biex ħareġ minn Triq San Mark, hu ħares fuq il-lemin tiegħu kif ukoll ittawwal tajjeb fil-mera sabiex jara jekk kienx ġej xi ħadd fit-triq. Julian Galea spjega wkoll li meta ra t-trakk tal-konvenut ġej għal fuqu, dan kien għaddej qisu bullet u mhux trakk, tant kemm kienet għolja l-veloċità li kien qiegħed jinstaq biha. Ix-xhud Julian Galea qal ukoll li tant kien immedjat l-impatt, li kien impossibbli għalih li jevita lill-konvenut, bir-riżultat li seħħ l-inċident inkwistjoni fejn il-vettura misjuqa mix-xhud Julian Galea spiċċat daret disgħin grad.*

*Il-Qorti wara li għarblet iż-żewġ verżjonijiet dwar il-mod kif seħħ l-inċident inkwistjoni, waslet għall-konklużjoni li l-verżjoni mogħtija mill-konvenut ftit li xejn għandha mill-verità. Lil hinn mill-kwistjoni li nqalgħet waqt is-smigħ tal-kawża dwar jekk fit-triq kienx hemm senjaletika ċara biżżejjed li tindika lis-sewwieqa li jkunu ġejjin minn Triq Żekka biex jieqfu qabel jidħlu fi Triq San Mark, il-Qorti hija tal-fehma li anki fl-eventwalità li fit-triq ma kien hemm l-*

[1] Ara ***Andrew Ciantar v. Joseph Coleiro,*** P.A. 13.07.2001.

*ebda senjaletika, sewwieqa li kienu ġejjin minn niżla wieqfa ħafna, bil-wiċċ tas-siment u mhux bit-tarmac, bħalma hija Triq Żekka, kellhom jużaw kawtela aktar minn dik li normalment tintuża f'toroq oħra. Speċjalment jekk is-sewwieq, bħal fil-każ tal-konvenut, ikun qed isuq trakk ta' ċertu daqs, iktar u iktar jekk dan ikun mgħobbi bil-materjal, li jagħmilha kważi impossibbli li jwaqqaf ħesrem vettura bħal dik, f'każ li tinqala' xi ħaġa imprevista li tagħmilha impellenti li l-vettura titwaqqaf f'salt. Pereżempju seta' ġara li fit-triq qasam tifel b'mod inaspettat, jew tfaċċat vettura li tkun ħarġet minn post ta' parkeġġ mal-ġenb tat-triq, u dawn iċ-ċirkostanzi jagħmluha impellenti li l-vettura titwaqqaf f'salt.*

*F'dan il-każ jirriżulta li l-vettura misjuqa minn Julian Galea ħarġet minn fuq l-istop sign fi Triq San Mark kantuniera ma' Triq iż-Żekka, u seħħ l-impatt mat-trakk li kien nieżel in-niżla ta' Triq iż-Żekka, b'veloċità li kienet ferm aktar mill-għaxar kilometri fis-siegħa li hu rakkommandat li jinżammu fi triq residenzjali li tkun wieqfa ħafna bħalma hija t-triq inkwistjoni. Il-Qorti tqis li mhu xejn verosimili li kien Julian Galea li kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva, peress li fi Triq San Mark qabel ma tiġi kantuniera ma' Triq Żekka, kien hemm sleeping policeman u stop sign, li għandhom l-iskop li jirrallentaw l-veloċità tat-traffiku. Barra minn hekk it-triq hija waħda dejqa u passaġġa li minnha jgħaddu diversi persuni li jkunu deħlin il-Belt bil-pass. Terġa' u tgħid Julian Galea kellu fil-vettura miegħu lil ibnu tarbija ta' sentejn ġo child seat, apparti li dan kien qiegħed isuq karozza tista' tgħid ġdida fjamanta. Dawn huma lkoll ċirkostanzi li jagħmlu verosimili li Julian Galea kien qiegħed isuq bil-galbu u li jimmilitaw għalkollox kontra t-tieni verżjoni tal-fatti kif mogħtija mill-konvenut fejn dan sostna li kien Julian Galea li kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva fl-inkroċju bejn Triq San Mark u Triq Żekka. Anki mill-ħsarat li ġarrbu l-vetturi, jirriżulta b'mod mill-aktar ċar li l-vettura li kkawżat l-impatt, it-trakk misjuq mill-konvenut, kien qiegħed jinstaq b'veloċità li kienet eċċessiva għal dik it-triq partikolari, u kemm minħabba t-toqol tal-materjal li kien qiegħed iġorr dak il-ħin, kif ukoll minħabba li l-veloċità kienet waħda qawwija, is-sewwieq ma rnexxilux jikkontrolla l-vettura b'mod li jiġi evitat l-inċident inkwistjoni.*

*Mill-provi jirriżulta li l-konvenut naqas milli javviċina b'kawtela l-parti tat-triq fejn hemm l-inkroċju li ħareġ minnu Julian Galea, tant hu hekk li l-konvenut baqa' nieżel b'ċerta veloċità li ma tistax titqies għaċ-ċirkostanzi ta' dik it-triq partikolari, ħlief li kienet waħda eċċessiva. Fost il-ħsarat sostnuti mill-vettura misjuqa minn Julian Galea, ġie stabbilit li kien hemm qsim fil-magna, qsim fil-gear box, infetħu l-airbags kollha tal-vettura, kemm dawk tal-ġnub kif ukoll dawk fil-parti ta' quddiem, u apparti minn hekk iż-żewġ vetturi tal-partijiet ġew iddikjarati li kienu total loss b'mod li kellhom jiġu skrappjati t-tnejn li huma.*

*Il-Qorti hija konvinta li l-inċident mertu tal-kawża seħħ minħabba li l-konvenut naqas milli juża d-diliġenza u l-prudenza li kellu juża sewwieq ta' trakk ta' ċertu kobor u toqol, sabiex jevita l-inċident inkwistjoni, kemm għax ma żammx mal-limiti tal-veloċità li hu prudenti li jinżamm f'niżla wieqfa bħal dik fi Triq Żekka il-Belt, kif ukoll billi ma żammx il-proper lookout meħtieġa sabiex jagħraf jikkontrolla l-vettura misjuqa minnu f'każ li jkollu għalfejn iwaqqafha*

*b'mod immedjat*[2]*. Għalhekk qiegħed jiġi stabbilit li l-konvenut għandu jġorr ir-responsabbiltà kollha għall-inċident inkwistjoni.»*

9. Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza permezz ta' rikors imressaq fil-31 ta' Lulju, 2019 u ressqu aggravju wieħed dwar il-mod ta' kif l-Ewwel Qorti għarblet il-provi.

10. Il-kumpanija attriċi wieġbet permezz tar-risposta tagħha tal-21 ta' Awwissu, 2019 u tat ir-raġunijiet għala r-rikors tal-appell għandu jiġi miċħud. Barra minn hekk, hija ppreżentat appell inċidentali b'aggravju waħdieni dwar id-data minn meta l-konvenuti għandhom iħallsu l-imgħaxijiet legali.

11. Il-konvenuti wieġbu għall-appell inċidentali permezz tar-risposta tat-28 ta' Awwissu, 2019 u tennew li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti kienet waħda siewja dwar minn meta għandu jitlaq l-imgħax.

12. Inżamm smigħ fid-9 ta' Novembru, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet sabiex tingħata s-sentenza llum.

## Konsiderazzjonijiet

---

[2] Skont ir-**Regolament numru 76 tar-Regolamenti tal-1994 dwar il-vetturi bil-mutur (A.L. 28 tal-1994)**: «*Triq prinċipali hi dik li t-traffiku kollu li jkun għaddej minnha jkollu d-dritt tal-mogħdija u t-traffiku u t-toroq li jagħtu għaliha għandhom jagħmlu l-wisa' lil dak tat-triq imsemmija hawn fuq, iżda b'danakollu d-drivers ta' kull vettura bil-mutur sew fi triq prinċipali jew sekondarja għandu joqgħod attent il-ħin kollu u għandu jieħu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa f'kull kantuniera.»*

13. Din il-kawża hija dwar inċident awtomobilistiku li seħħ ġewwa l-Belt Valletta nhar is-16 ta' Ġunju, 2017 bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DAF 954, misjuqa mill-konvenut Joseph Galea, li kienet qiegħda tinstaq fi Triq Żekka u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KBV 551, misjuqa minn Julian Galea, li kienet qiegħda tinstaq fi Triq San Mark.

14. Illi l-konvenuti appellanti ressqu **aggravju waħdieni** dwar l-apprezzament tal-provi li wettqet l-Ewwel Qorti, li huma qasmu fi tliet friegħi, u li kull waħda se titqies aktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

15. Qabelxejn jingħad li din il-Qorti ilha li warrbet il-pożizzjoni iebsa meħuda f'bosta deċiżjonijiet u l-ġurisprudenza ta' dawn l-aħħar snin ta' din il-Qorti, hija fis-sens li din il-Qorti tgawdi minn awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa li tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom il-Qorti tal-ewwel grad (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Marzu, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Curmi v Saviour sive Sammy Spiteri et***, kif ukoll il-ġurisprudenza hemmhekk imsemmija). Huwa wkoll mifhum li huwa fid-dmir ta' din il-Qorti li tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat u li jista' jibdel il-ġudizzju magħmul, u dan lil hemm mill-gravità tal-iżball (ara wkoll is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell tal-14 ta' Diċembru, 2018 fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Antoinette Cutajar v. L-Onorevoli Dr. Joseph***

***Muscat – Prim Ministru et***; u dik aktar reċenti mogħtija fil-15 ta' Novembru, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino nomine v. Id-Direttur tal-Psikjatrija fl-Isptar Monte Carmeli et***).

16. Ngħaddu issa biex jitqies il-mertu tal-aggravju. L-appellanti jsostnu fl-ewwel lok li l-Ewwel Qorti kienet rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet kunfliġġenti billi l-partijiet waħħlu f'xulxin għall-inċident u ma wettqitx eżerċizzju tajjeb, tant li hija naqset li tagħti piż għat-teżi mressqa minnhom. Itennu li huma ma jaqblux mal-Ewwel Qorti li l-appellant Joseph Galea biddel il-verżjoni meta xehed *viva voce* għal meta ta d-dikjarazzjoni lill-pulizija *a tempo vergine.* Jgħidu li kull ma għamel meta xehed quddiem il-Qorti kien li kkjarifika dwar il-punt tal-brejkijiet. Isostnu li ma jridx jintesa li l-appellant Galea ta l-verżjoni fuq il-post u kien ħassu ħażin billi kien weġġa'. Jisħqu li tant il-verżjoni tiegħu għandha mis-sewwa li din ġiet korroborata mix-xhud Mario Muscat (sid tat-trakk), li xehed li l-brejkijiet tat-trakk kienu nbiddlu madwar xahrejn qabel l-inċident.

17. Il-konvenuti appellanti jgħidu li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra li kienet il-verżjoni ta' Julian Galea li kienet inkonsistenti. Jiġbdu l-attenzjoni għad-dikjarazzjoni li l-istess Julian Galea għamel mal-pulizija *a tempo vergine,* fejn ma semmiex li kien waqaf fuq l-i*stop*

*sign,* li kellu fit-tarf tat-triq li kien għaddej minnha, filwaqt li fl-affidavit tiegħu xehed b'mod dettaljat kemm ħares is-senjaletika tat-triq. Barra minn hekk jgħidu, li inkonsistenza oħra fix-xhieda ta' Julian Galea kienet dwar l-*ispot of impact.* L-assikurat tal-kumpanija attriċi jikkontradiċi lilu nnifsu meta *a tempo vergine* stqarr li l-ħabta seħħet meta kien wasal f'salib it-toroq, filwaqt illi in kontroeżami qal li l-pożizzjoni tal-vettura tiegħu fi Triq San Mark kienet li kellha l-parti ta' quddiem tal-vettura biss sorġuta, ċjoè sal-bieba tax-xufier. Jgħidu li kieku kellha titwemmen din l-aħħar verżjoni, l-inċident qatt ma kien iseħħ. Din l-inkonsistenza fil-fehma tal-appellanti ssostni l-verżjoni ta' Joseph Galea, li Julian Galea ma waqafx fuq l-i*stop sign*, iżda baqa' ħiereġ, b'dan li l-vettura tiegħu fixklet il-mogħdija tat-triq ta' Joseph Galea.

18. Fit-tieni lok, il-konvenuti appellanti jsostnu li l-Ewwel Qorti naqset ukoll milli tieħu in konsiderazzjoni l-obbligu u d-dmirijiet ta' vettura li tkun ħierġa minn fuq *stop sign,* bħalma kienet il-vettura ta' Julian Galea. Jgħidu li bħala stat ta' fatt, l-appellant Galea kellu jiġi kkunsidrat bħala *main road user* u għalhekk il-preżunzjoni hija li huwa kellu l-preċedenza fuq ix-xufier l-ieħor.

19. L-appellanti jtennu li l-inċident inkwistjoni ma seħħx għaliex l-appellant Joseph Galea kien negliġenti jew traskurat fis-sewqan tiegħu

iżda kien ikkawżat mill-manuvra ta' Julian Galea, li baqa' ħiereġ minn fuq *stop sign* mingħajr ma esplora sewwa t-triq u mingħajr ma ta preċedenza lill-vetturi li kienu ġejjin mil-lemin tiegħu (minn fejn kien ġej Joseph Galea) kif kellu l-obbligu li jagħmel.

20. Fit-tielet lok, l-appellanti jgħidu li ma jaqblux mal-konklużjoni milħuqa mill-Ewwel Qorti, li Joseph Galea kien qiegħed isuq b'mod traskurat u b'veloċità għolja. Filwaqt li jirreferu għall-prinċipji magħrufa li l-veloċità għolja fiha nnifisha ma tistax titqies *a priori* bħala fattur determinanti għar-responsabbiltà tal-inċident, jgħidu li mill-atti tal-kawżi ma jirriżulta minn imkien li l-assikurat tal-kumpanija appellanti kien għaddej b'xi veloċità u lanqas kemm kienet din il-veloċità. L-uniku prova li nġabet hija x-xhieda tas-*surveyor* Joseph Cortis fejn sostna li t-trakk misjuq mill-appellanti Joseph Galea kien għaddej 'il fuq minn 30km/siegħa u dan ladarba ħarġu l-*airbags* tal-ġenb tal-vettura.

21. L-appellanti iżda jirreferu għal skambju ta' *emails* mibgħuta mill-avukat difensur tal-appellanti u r-rappreżentant ta' Continental Cars Limited, li skonthom ixxejjen ix-xhieda ta' Cortis, billi m'għandhiex mis-sewwa d-dikjarazzjoni li sabiex joħorġu l-*airbags* tal-ġenb tal-vettura jrid ikun hemm xi forma ta' veloċità. Ikomplu li filwaqt li huwa minnu li Joseph Galea ma rnexxilux jikkontrolla t-trakk tiegħu, iżda dan ġara minħabba l-manuvra azzardata ta' Julian Galea, meta baqa' ħiereġ

minn fuq l-i*stop sign* u mhux għaliex huwa kien qiegħed isuq b'mod eċċessiv.

22. Fuq ix-xaqliba l-oħra, il-kumpanija attriċi appellata twieġeb għall-ewwel fergħa tal-aggravju billi tirreferi testwalment għax-xhieda li ta Joseph Galea fis-seduta tat-12 ta' Lulju, 2019 u għall-kontroeżami tiegħu u tgħid li ma taqbel xejn li Joseph Galea kemm ikkjarifika l-pożizzjoni tiegħu. Tant dan huwa minnu, li huwa wasal biex ċaħad li kien ta l-istqarrija lill-pulizija. Mhux hekk biss, talli Joseph Galea ċaħad li ma rabtulux il-brejkijiet, anzi sostna li kien qiegħed jibbrekja l-ħin kollu. L-appellant Joseph Galea l-ewwel sostna li ma rax l-i*stop sign* li kellu fl-art fi Triq iż-Żekka, biex wara jbiddel il-verżjoni u jsostni li ra l-i*stop sign* iżda baqa' sejjer għaliex ma ra lil ħadd.

23. Fuq kollox, il-kumpanija attriċi appellata ssostni li mingħajr ħsara għal dak li qalet qabel, l-Ewwel Qorti ma ddeċidietx il-kawża kontra l-appellant Joseph Galea biss abbażi tal-inkonsistenzi fix-xhieda ta' dan l-aħħar. L-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża wara għarbiel dettaljat u qieset anke: (i) il-pożizzjoni li fiha spiċċat il-karozza ta' Julian Galea, ċjoè ġiet imdawra disgħin grad u ġiet tħares fl-istess direzzjoni fejn kien nieżel it-trakk ta' Joseph Galea; (ii) in-natura, l-estent u l-pożizzjoni tal-ħsarat li ġarrbu ż-żewġ vetturi; (iii) il-fatt li t-trakk misjuq minn Joseph Galea kien kbir u tqil, mgħobbi wkoll b'materjal tqil u kien nieżel niżla

wieqfa ħafna u b'wiċċ tas-siment u mhux tat-tarmac; u (iv) il-fatt li fi Triq iż-Żekka kull veloċità li teċċedi l-10 km/siegħa hija perikoluża.

24. Il-kumpanija appellata tippreċiżat li kif jirriżulta mis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti ma qalitx li Joseph Galea kien responsabbli għall-inċident għaliex sabet illi t-trakk misjuq minnu kellu xi ħsarat fil-brejkijiet, iżda għaliex qieset il-veloċità li biha kien qiegħed isuq l-appellant (flimkien mal-fatt li t-trakk kien tqil u mgħobbi b'toqol, u mal-fatt li kien nieżel niżla wieqfa ferm b'wiċċ tas-siment), kif ukoll għaliex qieset li l-istess Joseph Galea ma żammx *a proper look out.*

25. Għal dak li huwa t-tieni parti tal-aggravju tal-appellanti, il-kumpanija appellata tisħaq li ma jirriżultax mill-provi li Triq San Mark, li minnha kien għaddej l-assigurat tagħha Julian Galea, ma kinitx *side-road* jew triq sekondarja għal Triq iż-Żekka. Bil-maqlub, mir-ritratti meħuda eżatt wara l-inċident irriżulta li kien hemm ukoll *stop sign* fl-art fi Triq iż-Żekka minn fejn kien nieżel l-appellant Joseph Galea. Illum din il-konfigurazzjoni nbiddlet. B'żieda ma' dan, il-kumpanija appellata tgħid li mill-provi rriżulta li l-assigurat tagħha uża d-diliġenza kollha meta resaq lejn l-inkroċju u beda jipponta biex joħroġ mill-i*stop sign.* L-Ewwel Qorti eżaminat bir-reqqa l-aġir tiegħu u sabet li kien diliġenti, li ħares ir-regolamenti u ma kienx huwa li kkawża l-inċident.

26. Fl-aħħar nett il-kumpanija appellata ssostni li mhux minnu li ma

jirriżultax mill-atti tal-kawża li l-appellant Joseph Galea kien qiegħed isuq b'veloċità għolja. Jgħidu li barra mix-xhieda ta' Joseph Cortis, kien hemm provi oħra li juru dan, ċjoè: (i) il-pożizzjoni li fiha spiċċaw il-vetturi wara l-inċident; (ii) il-ħsarat li ġarrbu l-vetturi; (iii) ix-xhieda ta' Julian Galea; (iv) ix-xhieda tal-appellant Joseph Galea li fix-xhieda tiegħu ammetta li lanqas biss naqqas il-veloċità jew waqaf fuq l-i*stop sign*; (v) il-konfigurazzjoni ta' Triq iż-Żekka; u (vi) l-i*speed limit* fi Triq Żekka.

27. Il-kumpanija appellata, mingħajr ħsara għas-sottomissjonijiet ta' qabel, tisħaq ukoll li l-*emails* u d-dokumenti l-oħra ta' impjegat tar-rappreżentant tas-Seat f'Malta, li ssir referenza għalihom fir-rikors tal-appell huma: (i) inammissibbli bħala prova billi r-rappreżentant tas-Seat mhux imniżżel fil-lista tax-xhieda u ma ntalbitx awtorizzazzjoni qabel il-preżentata tagħhom; (ii) mhumiex ikkonfermati bil-ġurament; (iii) il-kontenut tagħhom mhu għajr xejn ħlief *detto del detto*; u (iv) ma ntbagħtux minn esperti u bħala stat ta' fatt ma fihom xejn ta' sustanza għaliex il-veloċità eċċessiva tat-trakk mhix evidenzjata biss mill-fatt li ħarġu l-*airbags* iżda hemm ukoll il-konsiderazzjonijiet l-oħra li diġà saret referenza għalihom. Tgħid ukoll li l-appellanti ma ressqu l-ebda aggravju dwar id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li huwa ma żammx *a proper lookout.*

28. Illi hija regola ġenerali fi kwistjonijiet ta' stħarriġ ta' responsabbiltà

f'ħabta jew inċident, li kull sewwieq irid iħares żewġ regoli ewlenin, jiġifieri li: (a) jirregola s-sewqan tiegħu skont iċ-ċirkostanzi kollha tal-inħawi fejn ikun (magħduda magħhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-ħin u l-kundizzjonijiet atmosferiċi); u (b) jżomm attenzjoni (*proper look-out*) dwar dak li jkun qiegħed iseħħ fil-qrib jew huwa mistenni li jseħħ minnufih (ara ***Middlesea Insurance plc et v. Joseph Saliba*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Ġunju, 2018; ***Formosa & Camilleri Ltd et noe v. Joseph Camenzuli***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża fis-26 ta' April, 2001; ***Stefano Bonello v. Carmelo Abela***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża fis-26 ta' April, 2001; u s-sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Marzu, 2021 fl-ismijiet ***Janette Borg née Ciappara et v. Franġisku Pisani et***).

29. Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet ***GasanMamo Insurance Limited v. Joseph Caruana***, deċiża fid-19 ta' Mejju, 2021, il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) irreferiet għas-sentenza fl-ismijiet ***Jesmond Bonello v. Giulio Baldacchino*** (Appell Ċivili 15.01.1997), fejn il-Qorti qalet hekk: «... *f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabbiltà għall-inċident awtomobilistiku, il-Qorti għandha dejjem tiġġudika a bażi ta' dak li jirriżultalha li kienet il-kawża prossima u immedjata tiegħu u tapplika għalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F'materja ta' sewqan huma r-regolament u t-tħaris u l-ksur tagħhom li addebitaw ir-responsabbiltà u mhux l-ekwità u l-ġudizzju*

*approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li għandhom jiġu riġidament applikati. Dan biex jiġi assigurat l-ordni, fir-rispett tal-istess regolamenti, li wieħed jista' jipprevjeni l-inċident.»*

30. Qabelxejn, huwa ta' siwi li din il-Qorti tirreferi għall-fatti li mhux kontestati dwar l-inċident li seħħ fis-16 ta' Ġunju, 2017 għall-ħabta tal-erbgħa ta' wara nofsinhar:

- Julian Galea, l-assikurat tal-kumpanija appellata, kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu tal-għamla Seat Ateca bir-reġistrazzjoni numru KBV 551. Fil-karozza miegħu kien hemm passiġġier ibnu ta' sentejn. Huwa kien qiegħed isuq fi Triq San Mark, il-Belt Valletta sejjer lejn Triq l-Ifran.

- Fi Triq San Mark, fl-inkroċju ma' Triq Żekka, hemm *stop sign.*

- Joseph Galea, l-appellant u l-assikurat tal-kumpanija appellanti, kien qiegħed isuq it-trakk tat-tagħbija tal-għamla Ford Cargo bir-reġistrazzjoni numru DAF 954 fi Triq Żekka.

- Il-ħsarat fuq it-trakk kienu prinċipalment fuq in-naħa ta' quddiem tal-vettura.

- Il-ħsarat fuq il-vettura l-oħra kienu kkonċentrati fuq in-naħa tal-lemin tal-karozza u fuq il-*bumper* ta' quddiem.

- Mill-okkorrenza[3] jirriżulta li tniżżel li (i) l-i*speed limit* fi Triq Żekka huwa ta' 10km/h; (ii) il-kundizzjoni tat-triq kienet tajba; (iii) l-art magħmula mill-asfalt u kienet niexfa. PS 1114 Marlon Hili ikkonferma din l-okkorrenza bil-ġurament[4].

- Mill-istess okkorrenza jirriżulta li meta l-Pulizija marru fuq il-post sabu t-trakk maħbut mal-kantuniera f'salib it-toroq. Aktar 'l isfel kien hemm vettura oħra involuta fl-inċident.

- Billi l-vetturi ċċaqalqu mal-impatt ma tħejjix skizz iżda minflok ġew meħuda ritratti.

---

[3] Dok A f'paġni 5 sa 13 tal-proċess.
[4] Fis-seduta tas-27 ta' April, 2018.

- Joseph Galea weġġa' ħafif kawża tal-inċident, billi saqajh inqabditlu mal-isteering u s-sedin.

- Il-verżjoni *a tempo vergine* ta' Joseph Galea lill-pulizija kienet: *«Kont nieżel mit-Triq Żekka, u naħseb marruli l-breaks tat-trakk, malli wasalt fil-kantuniera imma lħaqt lqattha u dħalt ukoll fil-faċċata.»*

- Il-verżjoni *a tempo vergine* ta' Julian Galea lill-pulizija kienet: *«Kont qiegħed insuq minn Triq San Mark, direzzjoni lejn Triq l-Ifran, malli wasalt f'salib it-toroq rajt dan it-trakk li kien nieżel bi speed qawwi u baqa' dieħel fija. Jien kelli tifel ta' sentejn miegħi iżda ma weġġax.»*

- Fis-*survey report* imħejji minn Owen Ciantar li sar fuq il-karozza ta' Julian Galea[5] nsibu miktub li: *«Vehicle suffered heavy sidewise impact, effecting structural and cosmetic panels and mechanical and electrical parts. Five airbags and all four seatbelts deployed. Engine/gearbox pushed to the LHS causing the engine block and gearbox casing (bell housing) damage.»* Is-surveyor issuġġerixxa ħlas għas-saldu ta' €27,000 lill-assigurat tagħha u li l-kumpanija tieħu pussess tar-relitt b'valur ta' €2,700. Owen Ciantar ikkonferma bil-ġurament dan ir-rapport[6].

- Fis-*survey report* ta' Mark Micallef li sar fuq it-trakk[7] insibu miktub li: *«(damaged area) front and very important to check brakes – (comments) TP advised that at time of aċċident brakes did not work – Very Important to check brakes...» «both parties emerged from stop sign.» «Without any doubts this vehicle is definitely a total loss. Cabin totally smashed and chassis heavily distorted. Vehicle has been refurbished including mechanical components.» «Brake pipes renewed and all seem to be working in order. According to one of the workers in the yard the truck was serviced recently......» «Couldn't check the brakes of the truck since this was towed on the spot and the wheels got hi tin the inċident.»*

- Il-kumpanija appellata ħallset lil Julian Galea u ġiet surrogata fid-drittijiet tiegħu[8].

- Mingħajr ħsara għall-kwistjoni dwar ir-responsabbiltà tal-inċident, il-kumpanija konvenuta ma kkontestatx il-*quantum* tad-danni.

[5] Dok B f'paġna 14 *et sequitur*.
[6] Fis-seduta tal-31 ta' Jannar, 2018.
[7] Dok MM1 f'paġna 101 tal-proċess.
[8] Ara Dok JG08 f'paġna 75 tal-proċess.

31. Mill-banda l-oħra hemm kwistjonijiet li huma kontestati ċjoè: (i) jekk fit-tarf ta' Triq Żekka, fl-inkroċju ma' Triq San Mark kienx hemm *stop sign* fid-data tal-inċident; u (ii) jekk l-appellant kienx qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva. Id-determinazzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet hija importanti sabiex tiġi mgħarrfa l-kawża prossima tal-inċident.

32. Dwar il-konfigurazzjoni ta' Triq Żekka tressqu bosta xhieda u ġew ippreżentati wkoll ritratti. Ix-xhud Joseph Cortis (*motor claims manager* mal-kumpanija appellata) xehed[9] li ġimgħatejn wara l-inċident mar fuq il-post, u ra li kemm fi Triq Żekka fejn hemm salib it-toroq ma' Triq San Mark, u kif ukoll fi Triq San Mark hemm *stop sign*. Julian Galea fl-affidavit tiegħu[10] xehed li Triq Żekka għandha *stop sign* mal-art u esibixxa tliet ritratti (Dok JG01 sa JG 04)[11] u anke in kontroeżami xehed[12] li meta ħareġ mill-karozza wara l-inċident ra *stop sign* fi Triq Żekka. Joseph Griffiths[13] xehed li fid-data tal-inċident kien hemm *stop sign* fi Triq San Mark mal-art u kif ukoll tabella. Fir-rigward Triq Żekka kantuniera ma' Triq San Mark, fil-passat kien hemm *stop sign* mal-art li kien tħassar. Fi Triq Żekka tabella ma kienx hemm, għal dak li huwa *stop sign* jista' jkun li jkun fadal xi marki iżda huwa ma marx fuq il-post. in kontroeżami ra r-ritratti esibiti minn Julian Galea u kkonferma li jidher li hemm linja bajda kontinwa, iżda l-kelma *stop* mhix miktuba ċara.

---

9 Fis-seduta tal-1 ta' Marzu, 2018.
10 F'paġna 51 tal-proċess.
11 F'paġni 53 sa 56 tal-proċess.
12 Fis-seduta tas-7 ta' Novembru, 2018.
13 Mill-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta li xehed fis-seduta tat-23 ta' Mejju, 2018.

33. Tajjeb li jintqal li meta Mark Micallef xehed[14] fisser li fis-*survey report* imħejji minnu huwa niżżel li kien hemm *stop sign* għaż-żewġ partijiet għaliex id-dipartiment tal-*claims* tal-kumpanija Atlas tawh dik l-informazzjoni. Gabriella Agius[15] ikkonfermat li bagħtet *email* fil-31 ta' Lulju, 2017 (Dok GAX1 f'paġna 140 tal-proċess) fejn kitbet li fi Triq San Mark, qabel tmiss Triq Żekka hemm *stop sign*, fi Triq Żekka m'hemmx għaliex hija triq li tibqa' għaddejja minnha. In kontroeżami qalet li qabel ma bagħtet l-*email* ma marritx fuq il-post u tgħid li l-i*stop sign* tneħħa minn Triq Żekka madwar ħames jew sitt snin qabel. Fissret li l-kliem mal-art jitneħħa billi jitgħatta b'żebgħa sewda.

34. L-appellant Joseph Galea xehed[16] li ma kienx hemm *stop sign* fit-triq li fiha kien qiegħed isuq, iżda fi Triq San Mark kien hemm. Waqt il-kontroeżami ntwerew lilu r-ritratti[17] u għaraf il-linja bajda kontinwa iżda qal li dakinhar tal-inċident ma kinitx hemm. Għal dak li huwa *stop sign* qal li hemm xi ħaġa imma *faded* għall-aħħar u dakinhar tal-inċident ma rahix.

35. Illi mir-ritratt Dok JG01[18] jidher li mit-Triq li kien ħiereġ minnha l-appellant Joseph Galea, ċjoé Triq Żekka, fit-tarf tat-triq fl-inkroċju ma' Triq San Mark, hemm linja bajda kważi kontinwa għalkollox. Fir-ritratt

[14] Fis-seduta tat-23 ta' Mejju, 2018.
[15] Fis-seduta tas-7 ta' Novembru, 2018.
[16] Fis-seduta tas-6 ta' Frar, 2019.
[17] F'paġni 55 u 56 tal-proċess.
[18]F'paġna 53 tal-proċess.

l-ieħor Dok JG03[19] il-linja kontinwa bajda tidher sew u tidher ukoll "S" li hija aktar skura mill-kliem l-oħra li tilfu l-kulur tagħhom għaliex fuqha qisu saret żebgħa sewda.

36. L-Ewwel Qorti ma esprimitx ruħha b'mod ċar jekk kienx hemm *stop sign* fi Triq iż-Żekka, iżda qalet li anke jekk fit-triq ma kienx hemm senjaletika, l-appellant Joseph Galea xorta waħda kellu l-obbligu li juża kawtela aktar milli normalment tintuża f'toroq oħra minħabba l-konfigurazzjoni ta' Triq Żekka. Fi kwalunkwe każ, dan il-punt huwa parti importanti għal dak li hija d-dinamika tal-inċident.

37. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti tgħid li kwalunkwe nuqqas ta' sinjali fit-toroq li jista' jirriżulta, qatt ma jista' jnaqqar mir-responsabbiltà tal-utent tat-triq li jżomm *a proper look-out*, u dan aktar u aktar fin-nuqqas tal-imsemmija sinjali fejn is-sewwieq għandu dover aktar oneruż (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tat-12 ta' Mejju, 2021 fil-kawża fl-ismijiet ***Matthew Galea v. Kunsill Lokali Żabbar****).*

38. Din il-Qorti tqis li mill-provi mressqa jirriżulta li fil-mument tal-inċident fit-tarf ta' Triq Żekka, kantuniera ma' Triq San Mark, kien hemm linja bajda kontinwa u l-kelma '*Stop*' li għalkemm ħafna minnha tilfet il-kulur, xorta waħda kienet hemm. Dak li jgħodd f'dan il-każ li s-

[19] F'paġna 55 tal-proċess.

senjaletika mal-art kienet timponi obbligu fuq ix-xufier li jieqaf.

39. Ngħaddu issa għall-kwistjoni tal-veloċità. Il-partijiet taw verżjonijiet kunfliġġenti. Din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti ddeċidiet tajjeb li Joseph Galea kien nieżel mit-triq b'ċertu veloċità, li kienet waħda għolja għaċ-ċirkostanzi tat-triq. PS 1114 xehed li l-mod kif inhi magħmula Triq Żekka huwa rakkomandabbli li wieħed isuq 10km/h. Joseph Cortis (inġinier tal-karozzi u *surveyor*) fisser fix-xhieda tiegħu[20], li l-impatt kien sostanzjali tant li ħarġu l-*airbags*. Xehed li: «*Biex joħorġu l-airbags irid ikun hemm veloċità mill-inqas ta' aktar minn tletin kilometru fis-siegħa.*» Waqt il-kontroeżami[21] Cortis qal li l-impatt kien kemm laterali, tant li ħarġu l-*airbags* tal-ġenb u kif ukoll frontali. Fisser li meta semma l-veloċità ta' 30 km/h, ried ifisser li hija l-veloċità mal-impatt li kienet mill-anqas 30 km/h, iżda mill-ħsarat jidher li kienet aktar.

40. Quddiem l-Ewwel Qorti, il-kumpanija appellanti ppreżentat korrispondenza li ġiet mibgħuta b'mod elettroniku bejn l-avukat tagħha u r-rappreżentant tas-SEAT ġewwa Malta biex tipprova xxejjen ix-xhieda ta' Cortis dwar ir-raġuni li l-airbags tal-ġenb ħarġu.

41. Il-kumpanija appellata tilmenta li dawn l-*emails* mhumiex ammissibbli għal bosta raġunijiet. Din il-Qorti tqis li l-kumpanija

[20] Fis-seduta tal-1 ta' Marzu, 2018.
[21] Fis-seduta tat-3 ta' Diċembru, 2018.

appellata m'għandhiex raġun tgħid li d-dokumenti mhumiex ammissibbli, iżda bla dubju l-valur probatorju tagħhom huwa dgħajjef. Ibda biex ma tressaqx bħala xhud Alan Caruana li kien qiegħed jikkomunika mal-avukat difensur. Fuq kollox, minn qari ta' dawn l-*emails* jirriżulta li l-informazzjoni hemm mogħtija ngħatat lil Alan Caruana mingħand persuna mhux imsemmija li preżumibilment taħdem fi ħdan il-kumpanija. Fid-dawl ta' dawn il-fatturi, din il-Qorti m'għandhiex is-serħan tal-moħħ dwar il-veraċità tad-dokumenti u fuq kollox tal-kontenut tal-istess dokumenti.

42. Jekk induru għax-xhieda, fuq naħa nsibu lil Julian Galea, li jsostni li l-appellant kien nieżel b'veloċità qawwija, u fuq in-naħa l-oħra, Joseph Galea jgħid li kien qiegħed isuq bil-mod.

43. Din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, tqis li l-verżjoni mogħtija minn Julian Galea hija aktar verosimili. Il-Qorti kkunsidrat mhux biss ix-xhieda ta' Julian Galea u ta' Joseph Cortis, iżda wkoll il-ħsarat estensivi li ġarrbu ż-żewġ vetturi u l-mod kif spiċċaw il-vetturi mal-impatt, ċjoè t-trakk maħbut mal-kantuniera tat-triq u l-karozza misjuqa minn Julian Galea spiċċat daret bl-impatt tant li sab ruħu fi Triq Żekka fuq in-naħa tax-xellug tiegħu jħares 'l isfel.

44. Miżmum dan kollu, il-prinċipji ġenerali li din il-Qorti jeħtieġ li żżomm

quddiem għajnejha huma dawn li ġejjin.

45. Huwa fatt mhux kontrovers li min ikun ħiereġ minn fuq stop sign u, aktar u aktar, għal fuq triq prinċipali li hu ħtieġlu wkoll jaqsam għandu l-obbligu maġġuri li qabel ma joħroġ jesplora sewwa t-triq li ried jidħol fiha u jċedi għat-traffiku għaddej. Fin-nuqqas, min joħroġ minn wara *stop sign* għal ġo triq prinċipali joħloq emerġenza lill-vetturi li jkunu għaddejjin mit-triq prinċipali. Il-manuvra li jkun sejjer jagħmel biex jaqsam dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba l-kors ordinarju tat-traffiku li jkun għaddej minnha[22] (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta' Mejju, 2006 fil-kawża fl-ismijiet ***Saviour Meilaq v. Etienne Grech***).

46. Aktar relevanti għall-każ tagħna huwa dak li ntqal fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' Marzu, 2003 fil-kawża fl-ismijiet ***Brian R. Mizzi et v. John Ciappara:*** *«Huwa ovvju li meta t-triq tkun għan-niżla u jkun hemm liwja, l-attenzjoni tas-sewwieq u l-grad ta' prudenza li għandu juża, għandha tkun akbar; multo magis meta jkun qed isuq vettura bħal dik tal-konvenut li tkun ta' dimensjoni kbira u mgħobbija bit-toqol.»*

47. Huwa magħruf li sewqan b'veloċità għolja minnu nnifsu mhuwiex il-

[22] *«…l-obbligu li jċedi għat-traffiku fuq il-main road, u għandu l-obbligu li jesplora tajjeb il-main road qabel ma joħroġ fiha u għandu l-obbligu li jimxi dead slow u saħansitra jwaqqaf sakemm jaċċerta ruħu li jista' joħrog bla ħsara»* - ***Il-Pulizija v. Anthony Galea***, Appell Kriminali, 5 ta' Settembru 1953 (**Kollez. Vol. XXXVII P IV p 1137**); ***Joseph Rizzo v. Paul Micallef***, Appell Ċivili, 6 ta' Diċembru 1974.

kejl tar-responsabbiltà ta' ħabta. Ġie mtenni mbagħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tat-23 ta' April, 2021, fil-kawża fl-ismijiet ***GasanMamo Insurance Limited et v. Samuel Stewart et***, li kull prudenza hija neċessarja f'salib it-toroq u ċertament il-veloċità massima m'għandhiex titqies bħala veloċità prudenti meta hemm kull possibbiltà li titfaċċa vettura mit-triq l-oħra. Għalhekk ir-**Regolament 220 tal-Kodiċi Għat-Traffiku fit-Triq** jipprovdi kif ġej:

*«220. Irregola s-sewqan tiegħek għat-tip u l-kundizzjoni tat-triq li tkun fiha. B'mod partikolari:*

*• tqisx il-limitu ta' veloċità bħala mira. Ħafna drabi perikoluż u mhux xieraq li ssuq sal-limitu tal-ogħla veloċità;*

*• ikkunsidra l-kundizzjonijiet tat-triq u tat-traffiku. Kun lest għal sitwazzjonijiet mhux mistennija jew diffiċli, per eżempju li t-triq tkun imblukkata wara kantuniera. Kun lest biex taġġusta l-veloċità tiegħek bħala prekawzjoni.*

*• fejn hemm triq tagħqad ma' oħra, kun lest għal xi vettura ħierġa.»*

48. Illi kif jindikaw ***Clerk and Lindsell*** fil-ktieb "***Torts***" (***Sweet and Maxwell, 2000***): *«The personal rule is that the vehicle should be driven at a speed which enables the driver to stop within the limits of his vision particularly having regard to … the time during which he is driving and the state of the road.»* Ġie deċiż ukoll mill-Qrati tagħna li l-is*speed* eċċessiv jinnewtralizza dak il-*margin of safety* tant neċessarju għal kull emerġenza li tista' tinqala' [ara f'dan is-sens ***Il-Pulizija v. Gaetano Fabri***, Appell Kriminali, 15 ta' Settembru 1962 u ***Andrew Penza v. Claes Nicklas K. Skalin et*** App. Inf. PS 1/11/2006 Ċitaz. 654/03]. Barra minn hekk, *speed* jista' jkun eċċessiv anke jekk ma jiskorrix il-

limiti regolarmentari għal dik il-lokalità iżda jiskorri dawk dettati mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument. Sewwieq għandu jimxi bi *speed* li jkollu f'kull ħin il-kontroll tal-vettura, u għalhekk mhux biżżejjed li s-sewwieq ikun qed isuq bl-i*speed* permess mil-liġi (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-23 ta' Novembru, 2020 fil-kawża fl-ismijiet ***Geoffrey Spiteri v. Saviour Galea*** u s-sentenzi msemmija fl-istess sentenza).

49. Meħud in konsiderazzjoni t-tagħlim ġurisprudenzjali kif imħaddem għall-provi fil-każ tagħna, din il-Qorti tqis li l-għarbiel li wettqet l-Ewwel Qorti kien wieħed tajjeb. Fi ftit kliem, mill-provi rriżulta li Julian Galea waqaf meta wasal fl-i*stop sign*, kantuniera ma' Triq Żekka, ħares fil-mera sabiex jara kienx hemm vetturi ġejjin minn xi naħa, dar ukoll sabiex jara li ma kien ġej ħadd min-naħa opposta. Sa fejn kellu viżwali ma ra li kien nieżel ħadd. Ħareġ minn fuq l-i*stop sign* bil-mod. Julian Galea xehed li f'daqqa waħda ra trakk nieżel b'veloċità qawwija minn Triq Żekka, it-tul ta' madwar ħames vetturi 'l bogħod minnu. Jirriżulta mid-daqqiet fuq il-vettura ta' Julian Galea li l-karozza tiegħu kienet diġà ħarġet minn fuq l-i*stop sign*. Huwa qal li l-punt fejn seħħet il-ħabta fuq il-vettura kien bejn il-bieba ta' quddiem u l-bidu tal-*mudguard*. L-impatt kien wieħed qawwi ħafna tant li l-vettura ta' Julian Galea spiċċat imdawra disgħin grad 'l isfel fi Triq Żekka. Min-naħa l-oħra jirriżulta li

Joseph Galea kien qiegħed isuq trakk mgħobbi bit-toqol fi Triq Żekka li hija niżla wieqfa ħafna.

50. Din il-Qorti hija konvinta li Joseph Galea kien qiegħed isuq b'ċertu veloċità għolja li turi li ma użax il-kawtela meħtieġa minn xufier li qiegħed isuq fi triq bħal dik. Lil hemm mill-kwistjoni li huwa ma waqafx fl-inkroċju għaliex ma ra lil ħadd, li kieku kien qiegħed isuq bil-galbu u jżomm *a proper lookout* kien jinduna bil-vettura li kienet qiegħda taqsam diġà t-Triq San Mark u kien jirnexxilu jikkontrolla l-vettura tiegħu. Minflok baqa' dieħel fil-vettura misjuqa minn Julian Galea u spiċċa mal-kantuniera tat-triq. Ma jistax ikun li, kif allegat mill-appellanti, li Julian Galea ħareġ sparat minn fuq l-i*stop sign*, kemm għaliex hemm *sleeping policeman* u kellu wkoll tifel ta' sentejn miegħu, għaliex li kieku l-impatt kien ikun ferm aktar gravi minn hekk.

51. Fuq kollox, id-dikjarazzjonijiet a *tempo vergine* tax-xufiera wkoll ma jistgħux jitwarrbu. Kif ġie rilevat f'diversi sentenzi tal-Qrati tagħna, il-verżjoni *a tempo vergine* tingħata mis-sewwieq immedjatament jew ftit tal-ħin wara l-inċident. Ġaladarba din il-verżjoni ngħatat fil-mument meta l-inċident ikun għadu kif seħħ, ifisser li s-sewwieq ma jkollux ċans joqgħod jaħseb x'verżjoni tal-fatti jaqbillu jagħti. Tali verżjoni wkoll tingħata qabel ma sewwieq ta' vettura jkollu l-opportunità li jikkonsulta ma' ħaddieħor u qabel ma jista' jiġi influwenzat minn ħaddieħor dwar

x'għandu jgħid[23]. Jidher għalhekk li l-verżjoni li tingħata *a tempo vergine* għandha titqies li hi l-verżjoni l-iktar affidabbli. Ir-raġuni 'l għala l-Qrati tagħna dejjem taw piż għal dikjarazzjonijiet li jsiru *a tempo vergine* huwa proprju sabiex f'każ ta' verżjonijiet kunfliġġenti, bħal f'dan il-każ, il-Qorti tkun tista' tislet mill-verżjoni tal-partijet dawk il-provi li jidhru l-aktar verosimili fiċ-ċirkostanzi tal-każ (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-23 ta' Novembru, 2020 fil-kawża fl-ismijiet ***Geoffrey Spiteri v. Saviour Gerada*** u l-ġurisprudenza li l-Qorti għamlet referenza għaliha).

52. Meta nduru għall-każ tagħna, il-verżjoni ta' Julian Galea baqgħet pjuttost konsistenti. Il-fatt li ma qalx li waqaf fuq l-i*stop sign* ma jfissirx li biddel il-verżjoni tiegħu. Id-differenza fil-verżjoni tiegħu, li tagħraf din il-Qorti, hija li fid-dikjarazzjoni tiegħu qal li kif wasal f'salib it-toroq ra t-trakk nieżel b'veloċità għolja. Fix-xhieda tiegħu qal li l-impatt kien bejn il-*mudguard* u l-bieba tax-xufier. Tqis li mill-ħsarat, fuq bażi ta' probabbiltà Julian Galea ħareġ aktar mill-bieba tax-xufier u kien qarreb salib it-toroq però ma jistax ma jingħadx li kull min huwa familjari mal-akkwata, ma tridx wisq biex mill-i*stop sign* tasal f'salib it-toroq.

53. Fuq ix-xaqliba l-oħra, Joseph Galea qal lill-uffiċjal tal-pulizija li kien nieżel minn Triq Żekka u ħaseb li marrulu l-brejkijiet tat-trakk

[23] Fil-kamp kriminali s'intendi hemm salvagwardji u drittijiet li jeħtieġu li jridu jittieħdu u jingħataw dejjem.

(għalkemm din lanqas tirriżulta mill-provi) u li malli wasal fil-kantuniera sab karozza, u għalkemm ipprova jitfa' mal-kantuniera imma laħaq laqatha u daħal ukoll fil-faċċata. Meta xehed huwa biddel il-verżjoni għalkollox u qal li kien qiegħed isuq bil-mod fuq it-tieni gear u li meta wasal Triq San Mark ra vettura ħierġa b'veloċità għolja, żamm brejk, iżda seħħ l-impatt. L-appellanti jippruvaw jiġġustifikaw il-bdil tal-verżjoni billi saħqu li l-appellant kien taħt xokk meta ta d-dikjarazzjoni u li kien imweġġa'. Din il-Qorti tqis li l-appellanti qegħdin jippruvaw jgħadduha minn għajn il-labra!

54. Illi mhux kontestat li l-appellant Joseph Galea weġġa' ħafif b'konsegwenza tal-inċident, biss però ma tressqet l-ebda prova li huwa kien taħt stat ta' xokk li ma setax iwieġeb. Fl-aħħar mill-aħħar kull min ikun involut f'xi inċident ikun xi ftit imriegħed minn ġewwa, iżda dan ma jfissirx li kull dikjarazzjoni li tingħata ftit ħin wara li jkun seħħ l-inċident għandha titwarrab. Fil-każ tagħna, ma jistax ma jiġix innutat li ma saret l-ebda mistoqsija dwar dan lis-Surġent meta kien qiegħed jixhed. Fuq kollox, Joseph Galea kellu kull opportunità li, jekk jidhirlu, jmur l-Għassa tal-Pulizija jew permezz ta' avukat li jitlob li jikkoreġi jew ibiddel il-verżjoni oriġinali tiegħu. Iżda mhux biss. Anke fix-xhieda tiegħu stess *viva voce* huwa waqqa' dak li kien xehed dwaru qabel, hekk kif rilevat aktar 'il fuq f'din is-sentenza. B'hekk jinżel li l-kredibilità tal-verżjoni ta' Joseph Galea hija waħda fjakka.

55. Għal din il-Qorti huwa ovvju li l-kawża prossima ta' dan l-inċident kien is-sewqan bi traskuraġni, b'veloċità għolja u bin-nuqqas ta' *proper lookout* min-naħa ta' Joseph Galea.

56. Għalhekk l-appell prinċipali qiegħed jiġi miċħud.

57. Jonqos issa li jitqies l-**appell inċidentali** mressaq mill-kumpanija attriċi. Permezz ta' dan l-appell, il-kumpanija attriċi tgħid li l-Ewwel Qorti kellha tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-imgħaxijiet mid-data tal-ittra uffiċjali, ċjoè mill-10 ta' Ottubru, 2017 jew għallinqas mid-data tal-preżentata tar-rikors maħluf, iżda mhux mid-data tas-sentenza kif deċiż.

58. Il-konvenuti laqgħu għal dan l-appell billi jgħidu li huma jirrimettu ruħhom għad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti.

59. Ġie miżmum fis-sentenza fl-ismijiet ***Pacifiko Bezzina v. Victor Buttigieg*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' April, 2013 li: *«Ma hemmx dubbju illi normalment il-Qrati tagħna jimxu mal-prinċipju 'in illiquidis non fit mora'. Madankollu kif ġie espress per eżempju fis-sentenza fl-ismijiet* ***Citadel Insurance v. Johan Ciantar*** *(Prim' Awla – 20 ta' Ġunju 2002) li meta talba għall-ħlas ta' danni hija magħrufa jew faċilment determinabbli sa minn qabel jibdew il-proċeduri ġudizzjarji li jkollhom*

*jittieħdu biex jintalab dak il-ħlas, l-imgħax għandu jiddekorri minn dakinhar li ssir l-ewwel intima b'att ġudizzzjarju (jekk dan ikun sar) u mhix minn dak in-nhar li eventwalment tingħata s-sentenza li tikkonferma dak l-ammont.»*

60. F'din l-istess sentenza, il-Qorti rreferiet għas-sentenza fl-ismijiet ***Anthony Turner v. Francis Agius*** *(28 ta' Novembru 2003)* fejn ingħad illi: *«Dwar id-dekorrenza tal-imgħax, il-Qorti rriteniet illi l-imgħax fejn it-talba kienet 'da liquidare' ma kellux jgħaddi mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni propju minħabba l-prinċipju 'in liquidandis non fit mora'. Il-Qorti żiedet però li l-imgħax kellu jgħaddi mid-data tal-ewwel sentenza peress li f'dak il-mument il-konvenut kellu ideja taċ-ċifri involuti iżda kien naqas milli jiddepożita ebda parti mill-ammont ta' danni sabiex jeżimi ruħu mir-responsabilità. F'dak il-każ (***Turner v. Agius***) għalhekk il-Qorti ordnat il-ħlas tal-imgħaxijiet mid-data tal-ewwel sentenza peress li f'dak il-mument l-ammont likwidat kien evidenti għall konvenut.»*

61. L-**Artikolu 1141(2) tal-Kodiċi Ċivili** huwa applikazzjoni tal-prinċipju *lite contestata usuræ currunt*. L-imgħax għalhekk għandu jibda jgħaddi mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali li permezz tagħha saret it-talba għall-ħlas (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-25 ta' Ottubru, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***B.Grima and Sons Limited v.***

***Jeremy Jonas Debono et***; kif ukoll is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Mario Mallia et noe v. Francis Bezzina Wettinger*** deċiża minn din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru, 2003). Ir-raġuni hija illi d-debitur, għalkemm imsejjaħ biex iħallas, baqa' jgawdi flus li suppost kellu jgawdihom il-kreditur. Dak il-benefiċċju għalhekk għandu jgħaddih lill-kreditur fil-forma ta' mgħaxijiet; ma għandux jieħdu d-debitur il-benefiċċju talli dewwem il-ħlas (ara ***Carmela Cassar et v. Tarcisio Azzopard*i**, deċiża minn din il-Qorti fil-31 ta' Jannar, 2019).

62. Stabbilit dan, din il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa wieħed siewi. Il-kumpanija Atlas Insurance PCC Limited interpellat lill-kumpanija GasanMamo Insurance Limited u lill-konvenut permezz tal-ittra uffiċjali tal-10 ta' Ottubru, 2017 fejn fiha talbet għall-ħlas ta' €22,000 u dawn it-talbiet tagħha ntlaqgħu kemm mill-Ewwel Qorti u anke minn din il-Qorti. Din l-ittra uffiċjali ġiet notifikata lill-konvenuti fl-14 ta' Ottubru, 2017[24]. Għalhekk l-imgħax għandu jitlaq minn din l-aħħar data.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad l-appell prinċipali** mressaq mill-kumpanija GasanMamo Insurance Limited u Joseph Galea, filwaqt li qiegħda **tilqa' l-appell inċidentali** mressaq mill-kumpanija Atlas Insurance PCC Limited, u għalhekk tvarja s-sentenza appellata, b'dan li l-imgħax fuq is-somma

[24] *A tergo* tal-paġna 34 tal-proċess.

ta' tnejn u għoxrin elf ewro (€22,000) għandu jitlaq mill-14 ta' Ottubru, 2017 u mhux mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti. Mill-bqija s-sentenza tal-Ewwel Qorti qiegħda tiġi kkonfermata.

Bl-ispejjeż kollha, inkluż tal-appell inċidentali, kontra l-konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss